# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI PRELIMINARI NRU. 851

KAZ NRU. 1111

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Union Haddiema Maghqudin

u

Thomas De La Rue (Malta) Ltd

dwar ingustizzji li qed isofru Ms Connie Mifsud u Ms Diane Debattista

Data : 8 ta’ Lulju, 1997

**Chairman : Is-Sur Albert J. Tabone**

**Membri : Is-Sur Alfred Buhagiar**
**Is-Sur Joseph G. Vassallo**

## 1. INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie riferit quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali permezz ta’ ittra datata 27 ta’ Jannar 1997 Ref. MHS/2/97/1 biex jigi processat skond it-termini tal-Att XXX tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Sad-data ta’ din id-decizjoni preliminari t-Tribunal zamm zewg (2) seduti.

Il-Union Haddiema Maghqudin kienet rapprezentata mis-sur Joe Morana, Segretarju, Taqsima Manifattura, Servizzi u Haddiema Alleati, assistit (fil-laqgha tat-30 ta' Mejju 1997) mill-avukat Dr. Lorraine Schembri Orland. Kienu prezenti wkoll Ms Connie Mifsud u Ms Diane Debattisa, mpjegati bhala *female Security Guards* ma' Thomas De La Rue (Malta) Ltd, bhala il-persuni li allegatament qeghdin isofru ingustizzji.

Thomas De La Rue (Malta) Ltd kienet rapprezentata mis-sur Philip Zammit Briffa, Ms Agnes Abela u s-sur Ron Dickinson assistiti mill-avukat Andrew Borg Cardona.

Minn hawn 'il quddiem kull fejn tidher il-kelma "Union" tkun tirreferi ghat-Taqsima Manifattura, Servizzi u Haddiema Alleati tal-Union Haddiema Maghqudin, waqt li kull fejn tidher il-kelma "kumpanija" tkun tirreferi ghal Thomas De La Rue (Malta) Ltd.

## 2. **TERMS OF REMIT**

It-Terms of Remit kif johorgu mill-ittra tal-Union tad-9 ta' Jannar 1997 lill-Ministru tas-Sigurta' Socjali (Sic) huma li :

> "Dawn iz-zewg impjegati (i.e. Ms Connie Mifsud u Ms Diane Debattista) qed jigu mcahhda minn kundiz-zjonijiet u opportunitajiet tax-xoghol, u susseg-wentement ukoll minn dhul finanzjarju ugwali, li jgawdu l-kumplament tas-*Security Guards* kollegi taghhom li jahdmu fl-istess grad u dipartiment mal-Kumpanija msemmija".

Dawn it-Terms of Remit huma bazikament ripetuti fl-*istatement of case* sottomess mill-Union.

## 3. **STATEMENTS OF CASE**

Is-sottomissjoni tal-Union hi li Ms Mifsud u Ms Debattista gew mahtura *Security Guards* mal-Kumpanija f'Marzu tal-1987 wara sejha interna *(House Notice)* li l-Union tqis li ccahhadhom minn kundizzjonijiet u opportunitajiet ta' xoghol ugwali ghal dawk tal-kollegi taghhom.

Il-Union ghalhekk talbet lit-Tribunal jordna lill-Kumpanija :

a) sabiex tiehu dawk il-passi mehtiega biex tassigura li z-zewg impjegati in kwistjoni jgawdu l-istess kundizzjonijiet tax-xoghol u jinghataw opportunitajiet ta' xoghol u ta' dhul finanzjarju mill-impjieg ugwali ghal dawk li fil-prattika jgawdu il-kollegi taghhom *Security Guards* irgiel impjegati mal-Kumpanija, u dan anke skond il-politika tal-Gvern ta' Malta;

b) kif jidhirlu xieraq, biex tikkumpensa lil Ms Mifsud u Ms Debattista fir-rigward ta' danni morali u finanzjarji li dawn il-haddiema sofrew u ghad jistghu jsofru konsegwenza tan-nuqqasijiet, l-attitudini u l-agir negattiv u ingust tal-Kumpanija fil-konfront taghhom.

L-ewwel zewg paragrafi ta' l-istatement of case tal-Kumpanija ttrattaw punti preliminari waqt li l-kumplament jidhol fil-mertu tal-kaz. Il-punti preliminari mqajma mill-Kumpanija huma li :

a) it-talba ghal kumpens fir-rigward ta' danni morali u finanzjarji ghandha tigi michuda stante li t-Tribunal huwa intiz biex isolvi kazi ta' tilwim industrijali u mhux biex jissostitwixxi l-Qrati ghal dak li jirrigwarda allegazzjonijiet ta' danni u kumpens ghal dan;

b) skond il-Ligi u l-prattika ta' relazzjonijiet industrijali, il-Kumpanija tirrikonoxxi Union ohra ghall-finijiet

ta’ “collective bargaining” u galadarba l-kaz jirrigwarda klassi ta’ haddiema u mhux haddiema individwali, l-kaz jista’ jitqies li ghandu jitressaq biss mill-Union rikonoxxuta ghal skopijiet kollettivi.

4. **TRATTAZZJONI FUQ IL-PUNT PRELIMINARI**

Fuq il-punt imqajjem fl-ewwel eccezzjoni l-Kumpanija sostniet li t-Tribunal qieghed hemm biex isolvi kwistjonijiet li jinqalghu bejn haddiem u minn ihaddmu. Mhux qieghed hemm biex impjegat jiehu xi kumpens ghal xi lezjoni tad-drittijiet tieghu sakemm ma jkunx it-Tribunal fil-vesti ta’ gurisdizzjoni esklussiva rigward tkeccija, li mhux il-kaz fir-rigward ta’ din it-tilwima. Jekk hemm lok ta’ rimedju dan ghandu jintalab lill-Qorti Civili.

Dwar it-tieni punt prelimari l-Kumpanija sostniet li ghalkemm il-kaz hu dwar zewg impjegati nisa minn fost grupp ta’ rgiel, setghu kienu zewg irgiel minn grupp ta’ rgiel. Dan huwa kaz fejn kategorija - *Female Security Guards* - qeghdin jigu ttrattati b’mod differenti mill-Kumpanija. Il-Kumpanija qalet li fis-succint dan hu l-ilment tal-Union.

Il-Kumpanija hassitha fid-dmir li tigbed l-attenzjoni tat-Tribunal li kien hemm Union ohra rikonoxxuta mill-Kumpanija u li dik il-Union tirrapprezetna dan il-grad. Il-fatt li l-U.H.M. tirrapprezenta liz-zewg impjegati in kwistjoni ma jimpingix fuq il-fatt illi r-regoli tar-*recognition* iridu jigu rikonoxxuti. Il-Kumpanija issugeriet li bhal ma sar f’kaz ricenti bejn il-Mid-Med Bank u l-Union of Legal Graduates, il-Union rikonoxxuta - It-Taqsima Kimika u Haddiema Generali tal-General Workers’ Union - tista’ tigi kjamata fil-kawza.

Minn naha taghha l-Union sostniet li l-kaz qieghed isir f’isem zewg haddiema u mhux f’isem xi kategorija. Jezistu zewg individwi f’kategorija li hi mnizzla fil-Ftehim Kollettiv u l-

kaz jirrigwarda lilhom biss. Il-kaz tressaq fuq *grievance* ta' zewg individwi f'kuntest ta' Ftehim Kollettiv diga ezistenti u li l-Union mhiex ticcalengja.

Issemma li kien hemm bzonn li ssir distinzjoni bejn x'inhi kategorija ghall-fini ta' rapprezentanza u ghal fini ta' kaz. Jekk kaz qed jitressaq minhabba diskriminazzjoni sesswali ovvjament dan ghax qeghdin jaghmlu distinzjoni bejn l-irgiel u n-nisa. Meta wiehed jara kwistjoni ta' *recognition* din ghandha titqies fl-ambiti stretti tal-Ftehim Kollettiv li jaghti definizzjoni ta' x'inhuma l-kategoriji minghajr ebda distinzjoni fil-kategorija stess bejn l-irgiel u n-nisa.

## 5. **KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkunsidra li jkun ahjar li, qabel ma jibda jitratta l-mertu tal-kaz, jizen il-punti preliminari mqajma mill-Kumpanija u jaghti decizjoni fuqhom.

Dwar it-talba tal-Union biex it-Tribunal jordna lill-Kumpanija tikkumpensa lil Ms Mifsud u Ms Debattista ghad-danni morali u finanzjari li sofrew u ghad jistghu jsofru, t-Tribunal innota s-sottomissjonijiet tal-Kumpanija fl-ewwel eccezzjoni preliminari. Innota wkoll li l-Union ma hassietx il-htiega li tikkumenta fuq, jew twiegeb ghal, dak li intqal mill-Kumpanija dwar is-suggett ta' kumpens ghad-danni.

Minn ezami ta' l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266) johrog car li l-poter tat-Tribunal biex jiffissa kumpens hu limitat ghal kazi ta' tkeccija misjuba ngusta u fejn it-Tribunal ma jordnax li l-haddiem imkecci jinghata lura l-post li kellu. Mhiex fil-kompetenza ta' Tribunal Industrijali li jiffissa kumpens ghal danni morali jew finanzjari f'kazi fejn m'hemmx tkeccija nvoluta.

It-tieni eccezzjoni preliminari tal-Kumpanija tirrigwarda l-fatt li l-kaz quddiem it-Tribunal ghandu sfond kollettiv u mhux individwali. Intqal li l-Union rikonoxxuta mill-Kumpanija u li maghha jezisti Ftehim Kollettiv mhiex il-Union li qed tidher ghall-appellanti imma t-Taqsima Kimika u Haddiema Generali tal-General Workers' Union.

Il-Union sahqet li t-tilwima tirrigwarda zewg impjegati nisa li jappartjenu ghal kategorija msemmija fil-Ftehim Kollettiv li qed issir diskriminazzjoni maghhom ghax qeghdin jigu mcahhda li jaghmlu certu xoghol u jahdmu certi xifts b'detriment ghall-hlas li  jircievu. Emfasizzat li l-kaz jirrigwarda zewg haddiema u mhux kategorija shiha. Ghalhekk il-kaz ghandu jigi trattat biss mill-Union li z-zewg haddiema huma membri taghha u mhux mill-Union li thaddan il-kategorija.

Fejn ghandhom x'jaqsmu hwejjeg li jirrizultaw minn rikonoxximent ta' Trade Union ghal skop ta' *"collective bargaining"*  bhal gradi u kundizzjonijiet ta' xoghol stabbiliti bi Ftehim Kollettiv wiehed ma jistax ikun restrittiv. Veru li tilwima tista' tirrigwarda haddiem wiehed minn kategorija, biss tista' jkollha implikazzjonijiet aktar generali u ta' effett fuq il-kategorija kollha.

Ghalkemm it-tilwima quddiem it-Tribunal apparentement tirrigwarda biss lil Ms Mifsud u Ms Debattista, dak li sar ghaxar snin ilu u  ghadu jsir sal-lum ghandu x'jaqsam ma' gradi u kundizzjonijiet ta' xoghol maqbula fi Ftehim Kollettiv. Ghalhekk hemm kull raguni li l-Union rikonoxxuta mill-Kumpanija tkun involuta wkoll f'din it-tilwima.

## 6. **DECIZJONI**

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dak li ntqal iktar ‘l fuq it-Tribunal, fuq eccezzjonijiet preliminari mqajma mill-Kumpanija, jiddeciedi li :

a) m’ghandux poter li jistabilixxi kumpens ghal danni morali u/jew finanzjarji li sofrew jew setghu sofrew jew jistghu jsofru Ms Mifsud u Ms Debattista;

b) isejjah fil-kawza it-Taqsima Kimika u Haddiema Generali tal-General Workers’ Union.

-------------------
**Albert J. Tabone**
**CHAIRMAN**

-------------------
**Alfred Buhagiar**
**MEMBRU**

-------------------
**Joseph G. Vassallo**
**MEMBRU**

-----------------
**Edwin Spiteri**
**A/Segretarju**

mrg